5 ta' April, 1954.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President*.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Joseph Fenech ne. *versus* Fortunato Petroni et.**

**Soċjetà Ċivili — Rappreżentanza Ġudizzjarja — Illeġittimità tal-Persuna — Ratifika.**

***Soċjetà ċivili hija leġittimament rappreżentata f'ġudizzju mill-persuna li skond l-istatut hija rivestita b'dik ir-rappreżentanza; u fin-nuqqas ta' dan, is-soċjetà hija rappreżentata mill-kumitat intier, jew minn persuna li l-kumitat f'seduta jagħżel jew jawtorizza għal dan l-oġġett.***

***L-awtorizzazzjoni li tiġi mogħtija wara li tkun ġa saret iċ-ċitazzjoni f'isem is-soċjetà timplika ratifika ta' l-operat ta' min aġixxa għan-nom tas-soċjetà, u tissana l-ġudizzju; u għalhekk ma hemmx lok għall-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' min ikun hekk aġixxa.***

***Jekk imbagħad il-persuna awtorizzata biex taġixxi ma tkomplix tir-***

*... fil-prudenza tal-kawża l-kwalità li kellha qabel. allura din ma hix kwistjoni li tinteressa l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna, imma li togħti biss lok għal-leġittimazzjoni ta' l-atti.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta illi l-konvenut kien inskriva bħala artista fil-kumpannija "Stage Comrades" Il bintu minuri Bernadette Petroni bil-kondizzjonijiet enumerati fl-iskrittura tas-26 ta' Diċembru 1951 (dok. A); u illi l-imsemmija Bernadette Petroni baqgħet inadempjenti, billi ma ħaditx parti f'żewġ rappreżentazzjonijiet ta' l-imsemmija kumpannija, u għalhekk inkorriet fil-penali komplessiva ta' £11, u ddekadiet milli tibqa' hekk skritturata; u illi huwa kellu jinskrivi persuna oħra minflok l-imsemmija Petroni, u ħallsilha £2; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut proprio et nomine (1) ikun dikjarat dekadut mid-drittijiet kollha kontemplati mill-imsemmija skrittura; (2) ikun kundannat iħallsu, fl-imsemmija kwalità tiegħu, il-penali, jew multa, ta' £11 fuq riferita; u (3) in linea ta' danni, ikun kundannat iħallsu, fl-istess kwalità tiegħu, is-somma ta' £2 għar-raġunijiet fuq indikati. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Gunju 1952, kontra l-konvenut proprio et nomine, li ġie inġunt biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Jannar 1954, li biha ddeċidiet billi lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur; billi kkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur sollevata mill-konvenut;

Illi, meta fit-18 ta' Gunju 1952 intenta din il-kawża, l-attur ma kellux il-mandat mill-Kumpannija "Stage Comrades" biex jintentaha, billi dik il-Kumpannija ddeċidiet illi tħalli l-kwistjoni in meritu għal din il-kawża f'idejh fil-15 ta' Awissu 1952 (dok. A fol. 43). Issa, apparti jekk b'dik id-deċiżjoni tal-Kumpannija ġiex ratifikat kull ma kien għamel l-attur rigward din il-kawża, jibqa' dejjem illi l-istess attur qiegħed jintenta din l-azzjoni fil-kwalità tiegħu ta' Direttur

tal-Kumpannija tal-Varjetà "Stage Comrades". Jirriżulta illi l-attur ma għadux direttur ta' dik il-Kumpannija; anzi huwa lanqas għadu jifforma parti minnha. Dan jirriżulta mix-xhieda........... Għaldaqstant l-eċċezzjoni fuq imsemmija, sollevata mill-konvenut, tirriżulta ġustifikata;

Rat fol. 108 in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine, u fol. 109 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif sewwa ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża "Grech ne. vs. Darmanin", 15 ta' Jannar 1907 (Vol. XX—III—1), "secondo la comune dottrina la società civile, come quella a nome della quale è dedotto il presente giudizio, è legittimamente rappresentata dalla persona che secondo lo statuto è incaricata di tale rappresentanza ed entro i limiti del relativo mandato"; u li meta ma jkunx hemm dan, allura s-soċjetà tkun rappreżentata jew mill-kumitat intier, "o da persona scelta o autorizzata dal comitato in una seduta dello stesso";

Issa, f'dan il-każ, jirriżulta mill-minuti tal-kumitat tas-soċjetà attriċi, fil-fol. 43, li l-attur ġie awtorizzat iġib 'il quddiem din il-kawża. Il-kliem "iddeċieda jħalli l-kwistjoni f'idejh", raffrontati mal-kontest tal-kliem preċedenti u max-xhieda ta' Edward Sciclùna, fol. 69 tergo, fejn dan qal, b'riferenza għal dawk il-minuti, li "fis-seduta tal-15 ta' Awissu, l-attur ġie awtorizzat jagħmel il-kawża preżenti", juru li dik kienet vera awtorizzazzjoni tal-kumitat biex l-attur jintenta din il-kawża;

Hu veru li dik l-awtorizzazzjoni saret wara l-preżentata taċ-ċitazzjoni; imma mhux biss hi timplika raġonevolment ratifika ta' l-operat ta' l-attur, iżda hemm anki x'jiġi osservat li l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità ta' persuna ta' l-attur ġiet mogħtija wara dik l-awtorizzazzjoni, ċjoè bin-nota fol. 12, li ġġib id-data tas-7 ta' Ottubru 1952; vwoldiri, meta ngħatat l-eċċezzjoni, il-ġudizzju kien diġà sanat;

Hu veru li "pendente lite", l-attur ma baqax direttur tas-soċjetà attriċi mentri hu qiegħed jaġixxi bħala tali; iżda

dan il-fatt, kif ingħad, ġara "fil-kors tal-kawża", u ma għandux x'jaqsam ma' l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna, ladarba bl-awtorizzazzjoni (kif ingħad fuq) lill-attur mill-Kumitat "meta kien għadu direttur tas-soċjetà", ġiet konvalidata "ex tunc" il-leġittimazzjoni attiva tal-kawża. Iċ-ċessazzjoni ta' l-attur mill-karika ta direttur "pendente lite" tfisser biss li hemm lok għal-leġittimazzjoni ta' l-attijiet. F'dan il-każ, il-leġittimazzjoni tista' ssir fis-sens li l-attur jassumi l-attijiet tal-kawża "għan-nom tas-soċjetà attriċi", peress li mix-xhieda ta' Edward Scicluna (fol. 108) jirriżulta li, avvolja l-attur ma baqax jappartjeni lis-soċjetà attriċi, is-soċjetà, per mezz tal-Kumitat tagħha, iddelegatu biex ikompli l-kawża bħala inkarigat minnha; u, kif ingħad, soċjetà ċivili tista' tiddelega kull persuna biex tirrappreżentaha fil-ġudizzju;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur, u tirrimetti l-proċess lill-Ewwel Qorti sabiex din tikkontinwa t-trattazzjoni tal-kawża, u tirriappuntaha għal dan l-iskop malli l-attur jassumi l-attijiet kif fuq ingħad;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut proprio et nomine.

---